

EBA/GL/2015/09

---

11.09.2015

---

## Linji gwida

---

dwar l-impenji ta' pagament skont id-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti

# Linji gwida tal-EBA (Awtorità Bankarja Ewropea) dwar l-impenji ta' pagament skont id-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 11.11.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2015/09'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

## Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

1. It-tieni subpragrafu tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti jafda lill-EBA bil-kompitu li toħroġ linji gwida dwar l-impenji ta' pagament. Għal dan l-għan, dawn il-linji gwida jipprovdu t-termini li għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti kuntrattwali u statutorji li skonthom istituzzjoni tal-kreditu tipprovdi impenji ta' pagament lil SGD (Skema ta' Garanzija tad-Depożiti), kif ukoll kriterji għall-eliġibbiltà u l-immaniġġjar tal-kollateral.
2. Dawn il-linji gwida huma indirizzati għal:
  - a) SGD's u awtoritajiet maħtura, kif definiti fil-punt (1) u (18) rispettivament tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE;
  - b) awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) kif emendat sussegwentement (ir-Regolament EBA); kif ukoll għal
  - c) awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) 1093/2010 f'dak li jirrigwarda t-trattament prudenzjali tal-impenji ta' pagament.

Dawn il-linji gwida japplikaw b'konformità mal-qafas ġuridiku nazzjonali li jipprevedi l-SGD's jew l-awtoritajiet maħtura bis-setgħa li jaċċettaw impenji ta' pagament fil-limiti tal-mezzi finanzjarji disponibbli biex jiġu kkunsidrati sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira.

3. Jekk l-operat tal-SGD jiġi amministrat minn entità privata, l-awtoritajiet maħtura għandhom jivverifikaw li, skont il-liġi li tirregola tali arranġament, l-SGD tgawdi l-protezzjoni tal-kreditur prevista mid-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali.
4. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet maħtura li meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'konformità mal-Artikoli 69, 70 u 71 tad-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti ta' investiment, huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa għall-assigurazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-kreditur lill-SGD.
5. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - i. "impenji ta' pagament" tfisser impenji ta' pagament kif definiti fil-punt (13) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE'
  - ii. "assi b'riskju baxx" tfisser assi b'riskju baxx kif definiti fil-punt (14) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE. L-assi b'riskju baxx għall-finijiet tal-kollateral f'dawn il-linji gwida jistgħu jikkonsistu fi strumenti finanzjarji jew flus;

- iii. "arranġament ta' impenn ta' pagament" ifisser l-arranġament li għandu jidħol fis-seħħ bejn l-SGD u l-istituzzjoni tal-kreditu, li jipprovdi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-inklużjoni tal-impenni ta' pagament ta' istituzzjoni tal-kreditu fil-limitu tal-mezzi finanzjarji disponibbli, u b'mod partikolari (i) l-indikazzjoni mill-SGD tal-ammont tal-impenn ta' pagament u (ii) l-obbligu rrevokabbli u kollateralizzat tal-istituzzjoni tal-kreditu biex tħallas l-Ammont tal-Impenn tal-Pagament fuq talba tal-SGD sad-data tal-iskadenza stabbilita fl-arranġament.
- iv. "ammont ta' impenn ta' pagament" ifisser is-sehem u l-ammont monetarju tal-kontribuzzjoni għad-DGS kif meħtieġ mid-DGS, li l-istituzzjoni tal-kreditu timpenja ruħha li tipprovdi permezz tal-impenn ta' pagament skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-arranġament tal-impenn ta' pagament;
- v. "arranġament ta' sikurezza ta' kollateral finanzjarju", b'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2002/47/KE, tfisser arranġament, irregolat bil-liġi li titrasponi d-Direttiva 2002/47/KE, li skontha, l-istituzzjoni ta' kreditu tassigura l-obbligi impenjati fl-arranġament tal-impenn tal-pagament billi tipprovdi kollateral li jikkonsisti f'assi b'riskju baxx bħala sigurtà għall-SGD, meta l-pussess sħiħ tal-assi b'riskju baxx pprovduti bħala kollateral jibqa' tal-istituzzjoni tal-kreditu meta jiġi stabbilit id-dritt tas-sigurtà;
- vi. "titolu ta' Arranġament ta' Trasferiment ta' Kollateral Finanzjarju" b'konformità mad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Kollateral Finanzjarju, tfisser arranġament regolat bil-liġi li titrasponi d-Direttiva dwar il-Kollateral Finanzjarju li skontha l-istituzzjoni tal-kreditu tiżgura l-obbligi impenjati fl-arranġament tal-impenn ta' pagament billi jiġi ttrasferit il-pussess sħiħ tal-assi b'riskju baxx lill-SGD;
- vii. "Arranġament ta' kollateral finanzjarju" tfisser arranġament ta' sigurtà ta' kollateral finanzjarju jew titolu ta' arranġament ta' trasferiment ta' kollateral finanzjarju;
- viii. "avveniment ta' infurzar", tfisser avveniment li jinvolvi l-aċċellerazzjoni tal-obbligu sabiex jitħallas l-ammont tal-impenn ta' pagament sabiex isir dovut b'mod immedjat. Skont it-termini tal-Arranġamenti ta' Kollateral Finanzjarju u b'konformità mal-Artikolu 2(1)(l) tad-Direttiva 2002/47/KE jew bit-tħaddim tal-liġi, l-okkorrenza tal-avveniment tal-infurzar jintitola lill-SGD li tirrealizza l-kollateral tal-assi b'riskju baxx iprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu permezz ta' bejgħ jew ta' approprjazzjoni mingħajr il-bżonn ta' avviż jew awtorizzazzjoni ġurisdizzjonali minn qabel;
- ix. "proċeduri ta' stralċ" tfisser proċeduri ta' stralċ kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet tal-kreditu;

- x. "miżuri ta' riorganizzazzjoni" tfisser riorganizzazzjoni kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE dwar ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet tal-kreditu
- xi. "miżuri ta' intervent bikrija" tfisser miżuri li jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 27 sa 30 tad-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti ta' investiment;
- xii. "miżuri ta' mmaniġġjar ta' kriżi" tfisser miżuri ta' mmaniġġjar ta' kriżi kif definit fl-Artikolu 2(102) tad-Direttiva 2014/59/UE li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti ta' investiment.

## Titolu II – Gwida dwar l-Impenji ta' Pagament

### Parti 1 – Kunsiderazzjonijiet ġenerali

- 6. Id-Direttiva 2014/49/UE għandha l-għan li 'tarmonizza l-metodi ta' finanzjament ta' SGD<sup>1</sup>, permezz ta' taħlit ta' kontribuzzjonijiet ex-ante u ex-post.
- 7. Skont l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2014/49/UE, il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jintlaħaq il-livell immirat tal-SGD jistgħu jinkludu impenji ta' pagament, sakemm is-sehem totali tal-impenji ta' pagament ma jaqbiżx 30% tal-ammont totali tal-mezzi finanzjarji disponibbli miġbura b'konformità ma' dak l-Artikolu.
- 8. Din id-dispożizzjoni timplika obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu lill-awtoritajiet maħtura jew lill-SGDs bis-setgħa li jaċċettaw l-impenji ta' pagament sa 30% tal-mezzi finanzjarji disponibbli. Madankollu, l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2014/49/UE ma għandux jinqara bħala dritt awtomatiku għall-istituzzjonijiet tal-kreditu, infurzabbli kontra l-SGD, biex jipprovdu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fil-forma ta' impenji ta' pagament. L-SGD għandha timplimenta dan il-mekkaniżmu abbażi ta' kriterji nondiskriminatorji. B'mod partikolari, l-SGDs ma għandhomx jaċċettaw iktar minn 30% ta' kontribuzzjonijiet ex-ante ta' membru speċifiku fil-forma ta' impenji ta' pagament.
- 9. L-awtoritajiet maħtura għandhom jivverifikaw li l-Arranġamenti ta' Impenn ta' Pagament u l-Arranġamenti ta' Kollateral Finanzjarju li jkunu daħlu fihom l-SGD u l-istituzzjoni tal-kreditu huma konsistenti ma' dawn il-linji gwida.

### Parti 2 – L-Arranġament ta' Impenn ta' Pagament

- 10. L-ammissibbiltà tal-impenji ta' pagament għandha tkun kundizzjonali fuq il-konklużjoni ta' Arranġamenti ta' Impenn ta' Pagament bejn l-SGDs u l-istituzzjonijiet membri

---

<sup>1</sup> Il-Premessa 27 tad-Direttiva 2014/49/UE

tagħhom. Arranġament ta' Impenn ta' Pagament ġdid għandu jiġi konkluż kull darba li jintalbu kontribuzzjonijiet ex-ante ġodda. Inkella, kull darba għandu jiġi emendat jew issupplimentat arranġament ewlieni eżistenti sabiex jiġu kkunsidrati talbiet ġodda għal kontribuzzjonijiet ex-ante.

11. L-Arranġament ta' Impenn ta' Pagament għandu talingas jinkludi l-elementi li ġejjin:
  - a) L-ammont tal-impenn ta' pagament;
  - b) L-obbligu irrevokabbli għall-istituzzjoni tal-kreditu sabiex il-ħlas tal-pagament fi flus imwiegħed tal-impenn ta' pagament, isir fil-ħin wara li ssir talba mill-SGD, mingħajr dewmien mhux dovut u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn jumejn xogħol mill-wasla tal-avviż li jkun sar skont l-ittra (c) hawn taħt. L-SGD għandha talingas titlob parti mill-impenni ta' pagament irrevokabbli jew l-impenni kollha meta, minħabba l-użu ta' mezzi finanzjarji disponibbli, is-sehem ta' impenni ta' pagament irrevokabbli fil-limiti tal-mezzi finanzjarji disponibbli, jaqbeż il-limitu massimu stabbilit mill-iskema skont id-Direttiva 2014/49/UE u b'konformità mal-paragrafu 8 ta' dawn il-linji gwida. Il-perjodu ta' pagament għandu jitnaqqas għal ġurnata ta' xogħol waħda jekk intervent bikri jew miżuri ta' mmaniġġjar tal-kriżi jiġu applikati għall-istituzzjoni tal-kreditu mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità ta' rizzoluzzjoni. L-arranġament għandu jipprekludi kwalunkwe tnaqqis fl-ammont tal-impenn ta' pagament, jew kwalunkwe terminazzjoni tal-arranġament ta' impenn ta' pagament, mingħajr il-kunsens tal-SGD;
  - c) L-għoti ta' avviż mill-SGD lill-istituzzjoni tal-kreditu permezz ta' kwalunkwe mezz effettiv ta' komunikazzjoni li jiżgura riċeviment, kull darba li l-SGD titlob il-pagament fi flus tal-ammont tal-impenn ta' pagament;
  - d) L-obbligu għall-istituzzjoni ta' kreditu li tinforma immedjatament lill-SGD dwar kwalunkwe avveniment li jaffettwa l-kapaċità tal-istituzzjoni li tonora l-obbligi tagħha, jew il-kapaċità tal-SGD li tinforza d-drittijiet tagħha, skont l-arranġament tal-impenn ta' pagament jew l-arranġament tal-kollateral finanzjarju, inkluża d-deklassifikazzjoni tal-istituzzjoni minn aġenziji esterni tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u kwalunkwe materjal prudenzjali jew bidliet tan-negozju jew kwalunkwe deterjorazzjoni fil-valur tal-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral;
  - e) Il-konklużjoni ta' arranġament ta' sigurtà ta' kollateral finanzjarju jew titolu ta' arranġament ta' trasferiment ta' kollateral finanzjarju bejn l-SGD u l-istituzzjoni tal-kreditu li tassigura l-obbligi li jkunu saru mill-istituzzjoni tal-kreditu fl-arranġament ta' impenn ta' pagament, permezz tal-provvediment mill-istituzzjoni ta' kreditu lill-SGD ta' kollateral ta' assi b'riskju baxx, li mhumiex aggravati minn kwalunkwe dritt ta' parti terza u li jitpöggew għad-dispożizzjoni tal-SGD.

12. Dawn il-linji gwida huma mingħajr ħsara għall-possibbiltà li, b'konformità mal-liġi nazzjonali, il-kontenut tagħhom jiġi implimentat b'mod sħiħ jew parzjali permezz ta' dispożizzjonijiet statutorji, inklużi dispożizzjonijiet tal-arranġament ta' impenn ta' pagament, sakemm id-dispożizzjonijiet statutorji jilħqu eżiti talanqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-arranġamenti kuntrattwali bejn l-SGD u l-membri tagħha fir-rigward fost affarijiet oħra, l-issodisfar tal-obbligu tal-istituzzjoni tal-kreditu biex tħallas l-impenn ta' pagament; il-kunsinna mill-istituzzjoni tal-kreditu lill-SGD tal-assi b'riskju baxx kollateralizzati li jassiguraw l-impenn ta' pagament sabiex ikunu għad-dispożizzjoni tal-SGD; ir-realizzazzjoni immedjata tal-assi b'riskju baxx mill-SGD hekk kif iseħħ l-avveniment tal-infurzar; u l-konsistenza mar-rekwiżiti, inkluż il-perjodu taż-żmien, stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE u fi kwalunkwe dispożizzjoni ġuridika oħra tal-UE applikabbli.

### Parti 3 – L-Arranġament tal-Kollateral Finanzjarju

13. Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-pożizzjoni tal-kreditur tal-SGD, Arranġament ta' Kollateral Finanzjarju għandu b'mod espliċitu jinkludi t-termini li ġejjin:
- a) L-istituzzjoni ta' kreditu timpenja ruħha li tissostitwixxi l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral meta jsiru dovuti, meta ma jibqgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 6 u 7 ta' dawn il-linji gwida jew f'każijiet speċifiċi oħra miftiehem mal-SGD, sabiex l-impenn ta' pagament jiġi assigurat b'mod permanenti minn kollateral xieraq.
  - b) fil-każ ta' arranġament ta' sigurtà ta' kollateral finanzjarju, l-istituzzjoni ta' kreditu mhix awtorizzata li tiddisponi mill-kollateral (eż bejgħ, aggravar).
  - c) L-istituzzjoni ta' kreditu hija meħtieġa li żżid l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral wara li ssir talba mill-SGD, fil-każ li l-valur tal-assi kollaterali sottostanti, wara t-telf impost previst fil-Parti 7 ta' dawn il-linji gwida, jew b'kunsiderazzjoni tar-rata tal-kambju applikabbli għal kollateral fi flus, jaq' taħt l-ammont tal-impenn ta' pagament.
  - d) Il-provediment ta' talinqas l-avvenimenti ta' infurzar li ġejjin:
    - (i) L-istituzzjoni tal-kreditu tonqos milli tħallas l-ammont tal-impenn ta' pagament fil-perjodu pprovdut skont l-arranġament tal-impenn ta' pagament meta tintalab li tagħmel dan mill-SGD;
    - (ii) L-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tissostitwixxi l-assi b'riskju baxx ipprovduti lill-SGD meta jkun waslu biex jitħallsu, meta ma jibqgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 6 jew il-Parti 7 ta' dawn il-linji gwida jew f'każijiet speċifiċi oħrajn miftiehma mal-SGD;

- (iii) I-istituzzjoni tal-kreditu tonqos milli żżid il-kollateral tagħha meta tintalab li tagħmel dan mill-SGD fil-każ ta' ksur tal-livell ta' kopertura, kif stabbilit fil-Parti 7 ta' dawn il-linji gwida;
- (iv) I-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni tal-kreditu;
- (v) jekk l-istituzzjoni tal-kreditu hija soġġetta għal miżuri ta' riorganizzazzjoni minbarra miżuri ta' intervent bikri jew ta' mmaniġġjar ta' kriżi, jew hija soġġetta għall-proċeduri ta' stralċ.

Meta istituzzjoni ma tibqax membru tal-SGD mingħajr ma tissodisfa l-avvenimenti tal-infurzar imsemmija hawn fuq, l-SGD għandha tagħżel l-azzjoni l-iktar xierqa biex jippreżerva d-disponibbiltà tal-finanzjament impenjat.

Għal dak l-għan l-SGD tista' jew:

- (1) tinforza l-impenn;
- (2) taċċetta li l-istituzzjoni li għadha mhix membru tal-SGD li tittermina s-sħubija tagħha tibqa' marbuta bl-impenn u tinfurzah, mhux iktar tard minn meta tilħaq il-maturità tal-impenn kif ipprovdut fl-arranġament tal-impenn ta' pagament sakemm l-arranġament tal-impenn ta' pagament ma jiġix riportat; jew
- (3) taċċetta li l-impenn jiġi ttrasferit għal entità oħra fil-kuntest ta' amalgamazzjoni jew akkwiżizzjoni.

Meta l-istituzzjoni tal-kreditu ma tibqax membru ta' SGD u tingħaqad ma' SGD oħra, l-SGD oriġinali għandha tiżgura li l-mezzi finanzjarji li jikkorrispondu għat-tnax-il xahar ta' qabel it-tmiem tas-sħubija, jiġu trasferiti għall-SGD l-oħrajn, jew bl-infurzar tal-impenn jew bit-trasferiment tar-rikavat lill-SGD riċevitur, jew billi l-arranġament tal-impenn tal-pagament jerġa' jiġi assenjat lill-SGD riċevitur fi ftehim ma' dan tal-aħħar u l-istituzzjoni tal-kreditu.

Meta l-bidla tas-sħubija tal-SGD hija r-riżultat tal-applikazzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, l-SGD għandha tikkonsulta mal-awtorità ta' riżoluzzjoni qabel id-deċiżjoni tagħha dwar l-impniji ta' pagament, filwaqt li tikkunsidra l-għanijiet ta' riżoluzzjoni, inkluża l-protezzjoni tad-depożitarji<sup>2</sup>.

- e) Meta jseħħ l-Avveniment tal-Infurzar, l-SGD għandha tirrealizza jew tappropja l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral b'konformità mat-termini tal-arranġament tal-kollateral finanzjarju.

<sup>2</sup> L-Artikolu 31 tad-Direttiva 2014/59/UE, ĠU L 173/190 tat-12 ta' Ġunju 2014.



- f) L-SGD għandha tirrilaxxa u trodd lura l-kollateral ta' assi b'riskju baxx meta jsir il-ħlas fi flus mill-istituzzjoni tal-kreditu tal-ammont ta' impenn ta' pagament.
- g) Il-parti li hija intitolata għar-rikavat (interessi, dividendi eċċ) tal-kollateral tal-assi b'riskju baxx għandha tiġi determinata (jew l-SGD jew l-istituzzjoni membru).

## Parti 4 – Kunsinna tal-kollateral mill-fornitur tal-kollateral lill-SGD

14. Skont l-arranġament tal-kollateral finanzjarju, l-SGD għandha tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu tikkunsinna l-assi b'riskju baxx lill-SGD b'konformità ma' waħda mill-modalitajiet previsti fid-Direttiva 2002/47/KE, sabiex l-assi b'riskju baxx ikunu fil-pussess jew fil-kontroll tal-SGD.
15. Kunsinna bħal din mill-istituzzjoni ta' kreditu lill-SGD għandha tiġi ssodisfata billi l-kollateral jiġi kkreditat kif ġej:
  - a. Fil-każ ta' arranġament ta' sigurtà ta' kollateral finanzjarju, l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral għandhom jiġu kkreditati f'akkont ta' titoli jew flus (i) miżmumin mill-kustodji jew l-intermedjarji li jiġu identifikati mill-awtorità maħtura jew mill-SGD u li huma kapaċi jipprovdu informazzjoni kompluta, preċiża u aġġornata rigward kemm l-istituzzjoni ta' kreditu kif ukoll l-assi b'riskju baxx; u (ii) li jippermettu r-reġistrazzjoni tal-assi b'riskju baxx kkunsinjati bħala kollateral mill-istituzzjonijiet tal-kreditu skont il-ftehim ta' sigurtà tal-kollateral finanzjarju.  
 F'dan il-każ, l-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura għandhom jidentifikaw biss lid-depożitarji jew l-intermedjarji li jiżguraw segregazzjoni sħiħa u l-protezzjoni tal-assi b'riskju baxx u jippermettu l-aċċess pront tal-SGDs wara li ssir talba sabiex jiġi evitat telf għall-istituzzjoni tal-kreditu jew għall-SGD minħabba inadempjenza jew insolvenza tad-depożitarju. Għandhom jiżguraw ukoll li d-depożitarji ma jkunux awtorizzati li jiddisponu l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral u li jkunux rrevokaw kuntrattwalment kwalunkwe ritenzjoni ta' dritt jew dritt ta' rahan li huma jista' jkollhom fuq dawk l-assi b'riskju baxx.
  - b. Fil-każ ta' arranġament ta' trasferiment tat-titolu tal-kollateral finanzjarju, għandu jkun hemm trasferiment għall-SGD f'titoli jew f'kont fi flus miżmuma mill-SGD li jippermettu reġistrazzjoni tal-assi b'riskju baxx kkunsinjati bħala kollateral mill-istituzzjoni tal-kreditu skont l-arranġament tat-trasferiment tat-titolu tal-kollateral finanzjarju. L-awtorità maħtura jew l-SGD għandhom jiżguraw li d-depożitarji ma jkunux awtorizzati li jiddisponu l-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral u li jkunux rrevokaw kuntrattwalment kwalunkwe ritenzjoni ta' dritt jew dritt ta' rahan li huma jista' jkollhom fuq dawk l-assi b'riskju baxx.  
 Jekk SGD hija intitolata li tirċievi depożiti ta' flus minn membri, il-kollateral fi flus jista' jiġi depożitat direttament mal-SGD mill-istituzzjoni tal-kreditu.

## Parti 5 – Kriterji ta' verifika li l-kollateral mhuwiex aggravat mid-drittijiet ta' kwalunkwe parti terza

16. Punt (13) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE jipprevedi li l-kollateral ma għandux ikun aggravat minn ebda dritt ta' parti terza. Sussegwentement, l-SGDs u l-awtoritajiet maħtura ma għandhom jaċċettaw ebda ass b'riskju baxx li diġà huwa aggravat jew kollateralizzat permezz ta' rahan jew arranġamenti ta' sigurtà oħra.
17. L-assi pprovduti skont arranġament ta' kollateral finanzjarju għandhom ikunu jistgħu jiġu realizzati b'mod legali mingħajr pretensjonijiet minn qabel fuq l-assi kkonċernati. Ma għandux ikun possibbli għall-partijiet terzi li jintervjenu u jippretendu b'suċċess l-assi mirhuna jew kwalunkwe dritt marbut magħhom.
18. Għal dak l-għan, l-arranġament ta' kollateral finanzjarju għandu jipprevedi li istituzzjonijiet tal-kreditu jwiegħdu u jiggarrantixxu li ebda ass b'riskju baxx ipprovdut bħala kollateral ma huwa simultanjament aggravat jew użat bħala kollateral favur kwalunkwe parti terza jew sabiex jiġi assigurat obbligu diġà eżistenti lejn l-SGD, u jwiegħdu li ebda ass użat skont l-arranġament ta' sigurtà ta' kollateral finanzjarju ma jingħata bħala kollateral lil xi parti terza.

## Parti 6 – Kriterji għall-eliġibbiltà u mmaniġġjar ta' kollateral

19. Skont id-Direttiva 2014/49/UE, l-SGDs għandhom jaċċettaw biss assi b'riskju baxx bħala kollateral biex jassiguraw l-ammont tal-impenn ta' pagament. L-SGDs u l-awtoritajiet maħtura għandhom jiddeterminaw kriterji xierqa dwar l-eliġibbiltà tal-kollateral, b'kunsiderazzjoni għar-riskji tal-kreditu u tas-suq tal-emittenti tal-assi b'riskju baxx u l-likwidità ta' dawk l-assi, bħala mod kif jiġu evitati assi li mhumiex likwidi. Huma għandhom jikkunsidraw ukoll ir-riskji tal-konċentrazzjoni u tal-kambju. Fil-prinċipju, il-kriterji dwar l-eliġibbiltà attribwiti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jew lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu bħala li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Parti 6 ta' dawn il-linji gwida.
20. L-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura għandhom jipprovdu wkoll il-limiti tal-iskopertura, u jiżguraw li għal kull istituzzjoni ta' kreditu, hemm diversifikazzjoni għolja tal-assi fir-rigward, talinqas, tal-emittenti u l-maturità. Għal istituzzjonijiet żgħar li mhumiex kapaċi jipprovdu assi b'riskju baxx konformi mar-rekwiżiti dwar il-limiti tad-diversifikazzjoni u tal-iskopertura, il-livell ta' diversifikazzjoni tal-assi b'riskju baxx ikkunsinnati bħala kollateral jista' jkun iktar baxx sakemm xorta jintlaħaq livell kumplessivament għoli ta' diversifikazzjoni ta' assi b'riskju baxx fil-portafoll kollaterali tal-SGDs
21. L-SGDs għandhom jillimitaw l-iskopertura għad-dejn tagħhom, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, li l-valur tiegħu huwa korrelatat ħafna ma' avvenimenti fejn l-SGD ikollha tħallas lura lid-depożitaturi jew tikkontribwixxi għal riżoluzzjoni u għalhekk, jista' jitlob li jsir l-impenn ta' pagament. Madankollu, il-munita ta' denominazzjoni tad-dejn ma għandhiex tkun ikkunsidrata għal dan l-għan minħabba li tpoġġi limiti eċċessivi fuq il-

kapaċità li wieħed jipprovdi kollateral. Madankollu, b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, għal istituzzjonijiet żgħar li mhumiex kapaċi jipprovdu assi bħala kollateral b'konformità mar-rekwiżit, il-livell ta' korrelazzjoni jista' jkun ogħla, sakemm il-livell kumplessiv ta' korrelazzjoni mal-portafoll tal-SGD jibqa' baxx.

22. Barra minn hekk, l-SGDs u l-awtoritajiet maħtura għandhom jindirizzaw b'mod adegwat id-differenzi, fejn jeżistu, bejn il-munita ta' denominazzjoni tal-kollateral u l-munita ta' denominazzjoni tad-depożiti koperti tal-SGD.
23. L-immaniġġjar tal-kollateral jista' jsir mill-SGD stess, jew minn parti terza bħala parti minn servizz ta' mmaniġġjar kollaterali tripartit sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

## Parti 7 – Telf impost

24. L-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura għandhom dejjem japplikaw telf impost għall-valur tal-assi b'riskju baxx ipprovduti bħala kollateral, sakemm il-kollateral huwa pprovdut fi flus fl-istess munita bħala l-impenn ta' pagament. Dan jimplika li l-valur tal-assi sottostanti jiġi kkalkolat bħala l-valur fis-suq tal-assi li minnu jitnaqqas ċertu perċentwal (it-telf impost)
25. L-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li t-telf impost jirrifletti r-riskju tal-kreditu, is-suq u l-likwidità li jirriżultaw mill-valur tal-iskopertura ta' kull ass. Għal dan l-għan, għandhom jiġu determinati telfiet imposti differenti b'kunsiderazzjoni għat-tip ta' emittenti u l-kwalità tal-kreditu tiegħu, kif ukoll għall-maturità tal-assi u l-munita tad-denominazzjoni.
26. L-applikazzjoni ta' telfiet imposti għandha tkun ibbażata wkoll fuq kwantifikazzjoni ta' telfiet mistennija u d-dewmien fiż-żmien mistenni qabel il-bejgħ tal-assi.
27. Filwaqt li varjetà ta' skedi u metodoloġiji ta' telf impost huma possibbli, l-iskeda ta' telf impost għal assi eliġibbli għall-użu bħala kollateral mill-BĊE jew il-banek nazzjonali ċentrali tal-Unjoni Ewropea joffru soluzzjoni tajba.
28. L-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li l-valur tal-assi b'riskju baxx huwa mmarkat skont is-suq fuq bażi regolari u possibbilment ta' kuljum.
29. Barra minn hekk, għandu jinżamm matul iż-żmien il-valur fis-suq aġġustat skont it-telf impost tal-assi b'riskju baxx pprovduti bħala kollateral. Dan jimplika li jekk il-valur tal-assi sottostanti mmarkati skont is-suq fuq bażi regolari jaqa' taħt ċertu limitu minimu u ma jibqax jikkonforma mal-proporzjon ta' kopertura li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-telf impost, l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tkun rikjesta li tissupplimenta assi b'riksju baxx addizzjonali jew tissostitwixxi l-parti rilevanti tal-impenn ta' pagament bi flus.
30. Fi kwalunkwe każ, l-SGDs jew l-awtoritajiet maħtura mhumiex preklużi milli jimponu fuq istituzzjonijiet membri rekwiżiti addizzjonali ta' rapportar u notifikazzjoni.

## Parti 8 – Trattament Prudenzjali

31. It-trattament prudenzjali tal-impenji ta' pagament għandu jimmira li jiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi u li jiġġieled l-effett proċikliku ta' tali impenji skont it-trattament ta' kontabbiltà tagħhom.
32. Meta t-trattament ta' kontabbiltà jirriżulta f'li l-impenn ta' pagament jiġi rifless b'mod sħiħ fil-karta tal-bilanċ (bħala obligazzjoni), jew jirriżulta f'li l-arranġament tal-kollateral jiġi rifless għal kollox fir-rapport tal-introjt, ma għandux għalfejn ikun hemm il-bżonn li jiġi applikat trattament prudenzjali ad-hoc għall-mitigazzjoni tal-effetti proċikliċi.
33. Meta, b'kuntrast, it-trattament tal-kontabbiltà jirriżulta f'li l-impenn ta' pagament u l-arranġament tal-kollateral jibqa' mhux inkluż fil-karta tal-bilanċ, fl-analiżi superviżorja u l-proċess tal-evalwazzjoni (SREP), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-riskji li għalihom se jkunu esposti l-kapital u l-pożizzjonijiet ta' likwidità ta' istituzzjoni tal-kreditu, jekk l-SGD titlob lil din l-istituzzjoni biex tħallas l-impenn tagħha fi flus, u teżerċita s-setgħat ta' approprjazzjoni tagħha sabiex tiżgura li l-effett proċikliku tagħha jiġi mitigat b'rekwiżiti ta' kapital/likwidità addizzjonali.

## Titolu III- Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

### Data ta' applikazzjoni

34. L-SGDs u l-awtoritajiet maħtura għandhom jimplementaw dawn il-linji gwida billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2015. Minn dakinhar 'il quddiem, l-SGDs u l-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li dawn il-linji gwida jiġu applikati b'mod effettiv. L-istess perjodu ta' implimentazzjoni japplika għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u għall-awtoritajiet kompetenti sakemm dawn il-linji gwida huma indirizzati lilhom.